# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 964/96**

**Numru 30**

**David Curmi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Citadel Insurance Services Limited u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta Mejju, 1997 gie mizjud il-kliem "u Nadia Vella" u skond digriet tat-22 ta' Ottubru 1997 "u din bhala agenti tas-socjeta estera assikuratrici Assitalia - Le Assicurazione d'Italia spa u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Nadia Vella sia bil-polza sia bil-ligi" u b'digriet tat-22 ta' Settembru 1998 il-kunjom Vella qed jigi sostitwit b'Colombo**

**vs**

**Jason Chirchop**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur nomine et is-somma ta' Lm203.07,0 (mitejn u tliet liri Maltin u seba'

centezmi) oltre l-interessi mill-konvenut dovuta bhala danni mill-konvenut ikkawzati lill-assikurata taghhom Nadia Vella f'incident awtomobilistiku li gara unikament tort tal-konvenut fit-18 ta' Ottubru 1995 f'Triq Toni Bajada, Naxxar.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. In-nullita tal-avviz billi David Curmi mhux qed jagixxi fil-kapacita korretta tieghu.

2. Illi fil-mertu l-eccipjent ma kienx jahti ghall-incident stradali in kwistjoni izda kienet tahti ghalih Nadia Vella li fil-konfort taghha l-eccipjent izomm ferm d-drittijiet tieghu.

Rat id-digrieti moghtija fit-2 ta' Mejju 1997 (fol 13 ibid) fit-22 ta' Ottubru 1997 (fol 16 ibid) u fit-22 ta' Settembru 1998 (fol 31 ibid).

Semghet lill-konvenut jirtira l-ewwel eccezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat dak verbalizzat a fol 54 ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici Nadia Colombo gja Vella (fol 20 et seq ibid) spjegat li hi kienet parkeggata ma genb il-Knisja tan-Naxxar (ara l-iskizz tal-incident a fol 24 ibid fejn hemm markat bl-Ittra X). Minn dan il-post hi harget wara li harset sabiex tara jekk kienux gejjin karozzi minn warjaha sabiex tmur fid-direzzjoni ta' San Gwann. Wara li bdiet issuq u kienet tbiddel il-"gear" minn "second" ghal "third", gie l-konvenut minn waraha, qabez il-vettura tal-attrici fuq ix-xellug ta' din u laqatha fqu il-fanal tax-xellug ta' quddiem. Skond l-istess attrici, l-karozza misjuqa mill-konvenut bhala konsegwenza garrbet daqqa fuq il-bieba ta' quddiem tal-lemin (ara ukoll ix-xhieda ta' ommha, Theresa Vella a fol 22 u 23 ibid).

Ikkunsidrat

Illi Ex PS 1483 Carlo Calleja (fol 33 et seq ibid) esebixxa kopja tal-iskizz skalat u tar-rapport vis-a-vis dan l-incident (fol 35 u 38 ibid). Jigi notata li:

a) ma gewx senjalati marki ta' "brakes" fuq il-post tal-incident;

b) L-istess xhud specifika li "xi hadd kien qalli li d-distanza bejn fejn kienet parkeggata l-attrici u fejn saret il-habta kienet 16.5 metri waqt li fir-rapport esebit bhala kopja hemm indikata distanza ta' 12.5 metri (ara fol 35 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 51 ibid) sostna, kif hemm mnizzel fl-imsemmi rapport, li kif dar mal-Knisja msemmija "haret il-vettura l-ohra ghal go fija. Din harget mill-parking li hemm hemm" waqt li sahaq li meta grat il-habta, l-attrici u ommha (l-imsemmija Therese Vella) "kienu ...... ixejjru lil xulxin".

Ikkunsidrat

Illi, wara li qieset dak kollu premess, il-Qorti tara li ma tistax tikkonkludi li r-responsabilta ta' dan l-incident tista tigi, b'xi mod, akkollata lill-konvenut. Difatt, l-Qorti ma sabietx xi prova li a basi taghha, setghet tasal ghal din il-konklusjoni. Anzi hemm bizzejjed elementi sabiex seta' jigi deciz li tali responsabilta' setghet giet akkolata lill-istess attrici minhabba hrug da parti taghha mill-post fejn kienet parkeggata minghajr id-debita kawtela.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur nomine et.

Alan Calleja
Deputat Registratur